MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 1305/2004/1

**Primrose Poultry Products Limited**

**vs**

**Toni Zammit u Koperattiva tat-Tjur Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta’ Marzu, 2007 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta’ attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati li jhallsu s-somma ta’ elf mija u tnejn u disghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm1,192.70c) solidarjament bejniethom rapprezentanti prezz mhux imhallas ta’ flieles mibjugha u kkonsenjati. Fil-konfront tal-Ko-

Operattiva tat-Tjur dan huwa parti minn somma akbar.

Ra r-Risposta ta’ Toni Zammit li biha wiegeb preliminarjament illi m’hemmx solidarjeta’ sia fil-konsenja u sia fl-assenjazzjoni ta’ l-obbligu tal-parti da parti ta’ l-eccipjenti. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Illi l-intimat ma xtara l-ebda flieles minghand is-socjeta’ attrici u ghalhekk m’ghandux hlasijiet x’jaghtiha. Illi l-intimat jixtri l-flieles minghand il-Ko-Operattiva tat-Tjur Limited li da parti taghha tixtrihom minghand is-socjeta’ attrici. Skond prattika li giet accettata mill-istess attrici, hija tithallas unikament mill-Ko-Operattiva konvenuta. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe tjur li l-eccipjent seta’ xtara minghand l-attrici, gew imhallsa minnu pjenament. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra li l-Ko-Operattiva debitament notifikata ma ressqet l-ebda Risposta.

Sema’ x-xhieda ta’ George Borg, Robert Borg, Toni Zammit, Gejtu Pace, Emanuel Agius, George Cini u Salvu Grima.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Kris Borg ghas-socjeta’ attrici u ta’ Dr Karl Briffa ghall-konvenut Toni Zammit.

Ikkunsidra

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta’ attrici hija *a licensed hatchery* tal-flieles tat-tigieg filwaqt li Toni Zammit huwa *a licensed breeder* ta’ l-istess tigieg. Is-socjeta’ attrici tissuplixxi *one day old chicks* lill-*breeders* li jrabbuhom u eventwalment il-*breeders* jikkonsenjaw it-tigieg imrobbija ghand *processor.*

Fil-kaz odjern is-socjeta’ attrici semplicement tissuplixxi l-*one day old chicks* u jirrizulta illi kien hemm zewg ko-operattivi, wahda ghall-*breeders* ta’ Malta u l-ohra ghall-*breeders* ta’ Ghawdex. Il-konvenut huwa membru tal-Ko-Operattiva ta’ Ghawdex. Il-ftehim li kien sar bejn l-attur u z-zewg ko-operattivi kien fis-sens illi l-ordnijiet jidhlu tramite l-Ko-Operattiva u meta l-flieles jigu kkonsenjati lill-*breeder*, johrog *invoice* bir-rata ta’ tmintax-il centezmu (Lm0.18c) ghal kull fellus b’dan illi mbaghad is-socjeta’ attrici taghti *commission* ta’ zewg centezmi (Lm0.02c) ghal kull fellus lill-Ko-Operattiva biex b’hekk is-socjeta’ attrici jkollha dhul nett ta’ sittax-il centezmu (Lm0.16c) ghal kull fellus.

Il-kaz odjern m’huwiex wiehed mill-kazijiet soliti billi jirrizulta ppruvat illi l-Ko-Operattiva tat-Tjur ta’ Malta kellha ordni ta’ flieles izda ma kellhiex *breeders* li setghu jilqghu ghandhom dawn il-flieles u ghalhekk hija avvicinat lill-*breeders* Ghawdxin (li ma kienux membri taghha), fosthom lill-konvenut sabiex huwa jghinha illi ssib lil min dawn il-flieles jistghu jigu kkonsenjati u fil-fatt Toni Zammit flimkien ma’ Emanuel Agius u ohrajn kienu accettaw li jircievu dawn il-flieles. Gara illi effettivament lil Toni Zammit gew konsenjati sitt elef sitt mija u hmistax-il (6,615) fellus.

Is-socjeta’ attrici tikkontendi li hija ma thallsitx ta’ din il-konsenja mentri l-konvenut jghid illi huwa ma xtara xejn minghand is-socjeta’ attrici izda t-transazzjoni bejnu saret mal-Ko-Operattiva u li hu effettivament kien hallas lill-Ko-Operattiva. Da parti taghha mbaghad is-socjeta’ attrici ssostni illi meta saret il-konsenja tal-flieles u hawn issir referenza ghad-dokument a fol 51 tal-process, l-obbligu ghall-hlas mill-Ko-Operattiva tat-Tjur u minn Toni Zammit huwa *jointly and severally*. Il-konvenut da parti tieghu jsostni illi l-kliem *jointly and severally* ma kienux miktubin meta sar id-*delivery* izda nkitbu wara u li hu qatt m’accetta li

jkun *jointly and severally liable* flimkien mal-Ko-Operattiva tat-Tjur fil-konsenja in kwistjoni.

Fl-ewwel lok it-Tribunal jidhirlu illi kif ser jirrizulta aktar ‘il quddiem, ghal determinazzjoni ta’ din il-kawza, m’huwiex necessarju li dan it-Tribunal jiddeciedi jekk il-kliem *jointly and severally* kienux miktubin qabel jew wara li saret il-konsenja u ghalhekk dan l-aspett ser jibqa’ mhux deciz. Illi ghalhekk it-talba ghall-hatra ta’ Espert Kaligrafu qed tigi respinta.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi wara li l-konsenja saret, is-socjeta’ attrici ma thallsitx mill-ewwel u fil-fatt mix-xhieda jirrizulta wkoll illi sussegwentement il-Ko-Operattiva tat-Tjur ta’ Malta kellha diversi problemi u kien hemm konfuzjoni shiha tant li l-President tal-Ko-Operattiva rrizenja. Dahal Gejtu Pace biex jipprova jara jirnexxielux isalva s-sitwazzjoni w effettivament jirrizulta mill-provi illi George Borg, ghan-nom tas-socjeta’ attrici, talab lil Gejtu Pace sabiex jigborlu l-flus minghand l-Ghawdxin, fosthom minghand il-konvenut.

Effettivament Gejtu Pace rnexxielu jaghmel kuntatt mal-konvenut u rnexxielu jigbor il-flus li l-konvenut kellu jhallas tal-flieles mertu tal-kawza u huwa nforma lis-socjeta’ attrici. Fix-xhieda tieghu li tinsab a fol 67 tal-process huwa jghid hekk:

“Jien fil-fatt cempilt lis-Sur George Borg tal-Primrose u nfurmajtu li kelli c-cekkijiet taghhom f’idejha ghas sadanittant kienu bghatuli c-cekk u kont ser nibghatlu dawn il-flus u bghattomlu ma’ Bastjan Briffa u mieghu kien hemm xi haddiehor, jidhirli ……. certu Zaru. Lis-Sur Borg infurmajtu li dawn ic-cekkijiet kienu versu l-hlas tal-flieles li kienu hadu dawn it-tlett Ghawdxin. Jien lis-Sur Borg dan ghidtulu bit-telefon u anki lil Bastjan ghidtlu ezatt ghal x’hiex kien qed isir dan il-hlas. Di fatti qabel ma tlaqt ic-cekkijiet mas-Sur Borg harget ircevuta minn taht idejna li konna rcevejna

dawn il-flus minghand l-Ghawdxin. Dan il-hlas sar fiz-zmien meta kien ghad hemm konfuzjoni shiha tal-Ko-Operattiva. Kien ghadu kif telaq Gafa` u jien ma nkunx naf l-istatus ezatt kif kienet."

Effettivament ic-cekk intbaghat lis-socjeta' attrici, l-Ko-Operattiva ffirmat fuq wara ta' l-istess cekk, ic-cekk gie msarraf mis-socjeta' attrici u l-flus dahlu fil-kontijiet taghha. Is-socjeta' attrici qeghda tikkontendi illi hija wzat dawn il-flus li rceviet biex jinqata' parti ohra mill-kont tal-Ko-Operattiva izda f'dan ir-rigward jidher car mid-diskors ta' Gejtu Pace li t-Tribunal jemmen li jirrifletti l-verita` ta' dak li attwalment sehh, li meta dawn il-flus intbaghtu lis-socjeta' attrici, kien miftiehem espressament bejn il-partijiet li l-flus kienu qed jintbaghtu biex jinqatghu l-kontijiet ta' l-Ghawdxin.

Dawn il-flus gew hekk accettati mis-socjeta' attrici. Jinghad ukoll illi c-cekk li kienet gabret il-Ko-Operattiva, jigifieri li gabar Gejtu Pace, kien gie migbur espressament minghand l-Ghawdxin fuq talba ta' George Borg tal-Primrose biex jinqata' l-kont ta' l-Ghawdxin u ghalhekk jidher evidenti illi l-flus li l-konvenut hallas lill-Ko-Operattiva kienu flus li kienu ndirizzati biex jinqata' l-kont ta' sitt elef sitt mija u hmistax-il (6,615) fellus imsemmija u konsegwentement ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenut hallas dak li kellu jhallas ta' sitt elef sitt mija u hmistax-il (6,615) fellus bir-rata ta' sittax-il centezmu (Lm0.16c).

Il-Primrose kellha dritt tithallas kemm minghand il-Ko-Operattiva kif ukoll minghand il-konvenut. Minghand il-Ko-Operattiva minhabba l-kuntratt li sar bejniethom u minghand il-konvenut billi huwa kien il-kompratur li kien qed jixtri tramite s-servizzi prestati mill-Ko-Operattiva. Pero' t-Tribunal jidhirlu li mill-provi jidher lampanti li l-konvenut hallas il-prezz tal-flieles u li l-hlas wasal ghand is-socjeta' attrici li f'dak il-mument kienet taf li l-hlas

kien qed isir mill-Ghawdxin biex jinqata' l-kont taghhom. Il-fatt li George Borg talab lil Gejtu Pace jigborlu l-flus minghand l-Ghawdxin, kif effettivament gara, jxejjen ghal kollox is-sottomissjoni maghmula mis-socjeta' attrici li meta rceviet il-flus kellha kull dritt timputa dan il-hlas ghal dejn iehor tal-Ko-Operattiva.

Jibqa' biex jinghad illi bejn l-ammont imhallas u l-ammont mitlub fil-kawza hemm differenza konsistenti fir-rata ta' zewg liri Maltin (Lm2) ghal kull fellus li jirrapprezenta l-*commission* dovut lill-Ko-Operattiva. Dwar dan jinghad illi t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-prezz miftiehem ghall-flieles kien bir-rata ta` sittax-il centezmu (Lm0.16c) u din ir-rata giet miftehma bejn il-Ko-Operattiva u l-konvenut Zammit u konsegwentement il-konvenut Zammit bl-ebda mod ma ta immaginazzjoni li jista' jigi mitlub ihallas aktar minn dak li ftiehem ghalih. Id-differenza ta' zewg centezmi (Lm0.02c) hija differenza illi tirrijentra fir-relazzjoni li hemm bejn il-Ko-Operattiva u s-socjeta' attrici. Galadarba fuq kull fellus is-socjeta' attrici taghti *commission* ta' zewg centezmi (Lm0.02c) lill-Ko-Operattiva t-Tribunal jidhirlu illi s-socjeta' attrici ma tistax titlob din id-differenza minghand il-Ko-Operattiva stante li din awtomatikament tigi pacuta mal-*commission* dovuta lill-istess Ko-Operattiva.

Galadarba gie stabbilit li l-ammont mitlub thallas, il-kwistjoni dwar kif u meta nkitbu l-kliem "*jointly and severally*" fuq id-*delivery note* ssir irrilevanti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha."

Bl-appell taghha kontra din is-sentenza s-socjeta` attrici tikkontesta r-ragonament tat-Tribunal bazikament b' dawn is-sottomissjonijiet:-

(i) Ic-cekkijiet tal-*breeders* Ghawdxin inhargu a favur tal-Koperattiva tat-Tjur u kienet din li harget ir-ricevuti;

(ii) Ghalkemm dawn gew girati favur is-socjeta`, ir-rapprezentant taghha kien informa lil Gejtu Pace tal-Koperattiva illi l-pagament kien ser japproprijah kontra dejn iehor ta' l-istess Koperattiva;

(iii) Il-konvenut messu ghamel il-pagament direttament lilha;

(iv) Barra minn dan, il-hlas maghmul kellu f' kull kaz jirrapprezenta l-ammont fatturat minnha bir-rata ta' Lm18 kull mitt fellus u mhux bis-Lm16 kif fil-fatt sar;

Kif taraha din il-Qorti, il-kwestjonijiet principali involuti f' dan il-kaz jikkoncernaw ir-rapport negozjali bejn il-partijiet u, fuq kollox, jekk il-konvenut Toni Zammit issaldax il-kont tieghu;

Mill-fatti li rrizultaw fil-vicenda processwali jidher li l-antecedenti li wasslu ghal kawza kienu dawn:-

(1) Skond George Borg (fol. 42) u Robert Borg (fol. 55), azzjonist u direttur rispettivament tas-socjeta` attrici, l-ordnijiet mill-*breeders* Ghawdxin gew pjazzati mill-Koperattiva Maltija tat-Tjur. Jinghad fil-kaz tal-*breeder* Toni Zammit illi dan xtara numru ta' flieles ghal liema gie fatturat bil-prezz ta' Lm18 kull mitt fellus. Ghal hlas taghhom kemm Zammit kif ukoll il-Koperattiva kienu solidalment obbligati, anke jekk skond George Borg hu kien avza lil Zammit biex il-hlas minnu jsir direttament lis-socjeta` attrici u mhux lill-Koperattiva;

(2) Mhux kontestat illi Toni Zammit ghamel il-pagament dovut ghal flieles li xtara. Dan pero` sar lil Koperattiva ghax maghha kien miftiehem bir-rata ta' Lm16 kull mitt fellus. Ic-cekk relattiv u dak ta' *breeder* Ghawdxi iehor eventwalment gew girati favur il-kumpanija attrici pero` skond George Borg (fol. 91) hu ntalab minn Gejtu Pace, konsulent tal-Koperattiva, biex ir-ricevuti jinhargu

fuq il-Koperattiva u l-ammonti jigu akkreditati kontra d-dejn tal-Koperattiva;

(3) L-imsemmi Gejtu Pace jizmentixxi dan u jsostni li l-ftehim kien li c-cekkijiet iservu biex jiskontaw id-dejn tal-Ghawdxin. Ara xhieda tieghu a fol. 65 *et sequitur*;

(4) Effettivament, ic-cekkijiet issarrfu u dahlu fl-akkont ta' Poultry Products (ara deposizzjoni ta' Toni Zammit a fol. 59 *et sequitur*). Kif inghad l-ammonti rapprezentati minn dawn ic-cekkijiet ma gewx mis-socjeta` attrici akkreditati kontra d-dejn ta' Zammit u tal-*breeders* ohrajn izda kontra dak tal-Koperattiva;

Minn din l-esposizzjoni ta' dan il-kwadru konciz tal-fatti jemergi fl-ewwel lok li l-oggett tal-kontrattazzjoni hu identifikat f' dak tar-regolament negozjali intiz mill-partijiet u fejn il-kontenut sostanzjali tieghu, mill-istess partijiet stabbilit u programmat, kien dak bazat fuq il-partecipazzjoni fl-affari mill-Koperattiva li kellha l-funzjoni determinativa li tippjazza l-ordnijiet ghal dawk l-Ghawdxin interessati fit-trobbija tat-tjur. Fuq dan hemm qbil generali kemm mir-rapprezentant tas-socjeta` attrici kif ukoll mix-xhieda tal-Koperattiva, kif manifest anke mid-deposizzjoni a fol. 78 ta' Salvu Grima, ex-President ta' l-istess Koperattiva;

Lanqas ma jista' jinghad, pero`, illi dik il-funzjoni tal-Koperattiva kienet wahda limitata *sic et simpliciter* ghall-pjazzament ta' l-ordnijiet. Dan qed jigi rilevat ghax kif jirrizulta wkoll, u kif sewwa ikkonstatat mit-Tribunal, meta nsorgew problemi fil-Koperattiva din, tramite Gejtu Pace, indahhlet biex tigbor il-flejjes dovuti minghand il-*breeders* Ghawdxin, fosthom il-konvenut Toni Zammit. Dan fuq it-talba li ghamillu George Borg ghas-socjeta` attrici. Il-Qorti tifhem li f' dan il-mument il-Koperattiva, permezz ta' l-operat ta' Gejtu Pace, kienet speci ta' rapprezentant jew mandatarja tas-socjeta` attrici ghal gbir tal-flus, u assolviet, bir-ricezzjoni minnha tal-hlasijiet, ghal dik il-funzjoni rapprezentattiva taghha;

Hi disposizzjoni esplicita tal-ligi, ex-Artikolu 1152 (1), Kodici Civili, illi "l-hlas ghandu jsir lil kreditur, jew lil persuna li jkollha minghandu, mill-qorti jew mil-ligi, is-setgha li tircievi l-hlas". Li jfisser li "l-pagament mhux validu u ma jilliberax lid-debitur, jekk ma jsirx lil kreditur, jew lir-rapprezentant tieghu legittimu, tant jekk din ir-rapprezentanza tkun konvenzjonali, kemm jekk tkun legali jew gudizzjarja" (**Kollez. Vol. XXXIX P I p 393**). Jinsab spjegat mil-**Laurent**, "**Diritto Civile**" Vol. XVII, para. 516, "*il pagamento fatto a coloro che sono autorizzati dal creditore a ricevere per lui si reputa come fatto al creditore stesso, e per conseguenza è altrettanto valido come se fosse fatto al creditore. Gli è cio` che dice Pothier secondo una legge romana. Il codice civile dice inoltre non solo il pagamento puo` essere fatto al mandatario ma deve essere fatto a chi è autorizzato dal creditore, dal giudice o dalla legge*". Ara wkoll **Kollez. Vol. XXXI P I p 700** li minnha hi estratta din is-silta;

Mhux dan biss pero`. Jirrizulta wkoll illi minbarra li kienet, ghar-raguni msemmija, legittimata li tirriskwoti l-kreditu minghand il-konvenut Toni Zammit u *breeders* Ghawdxin ohra, il-Koperattiva ghaddiet ic-cekkijiet ricevuti lis-socjeta` attrici permezz tal-gira u b' hekk il-hlas ghadda fil-patrimonju ta' din l-istess socjeta`. Irrizulta li bhala l-vera kreditur din l-istess socjeta` attrici rratifikat dan il-hlas ghax kif jinghad fis-subinciz (2) tal-precitat Artikolu 1152, Kodici Civili, "<u>il-kreditur wettqu</u>" jew "<u>ha gid minnu</u>". Dejjem skond l-intendiment tal-legislatur dawk il-lokuzzjonijiet ghandhom ifissru illi l-pagament maghmul lahaq l-effetti tieghu ghax ikun dahal fil-patrimonju tal-kreditur u dan allura jirrendi effikaci u, ukoll, liberatorju l-hlas maghmul minn Toni Zammit u *breeders* ohra. Ma kienx mistenni allura illi s-socjeta` attrici tapplikah, b' mod unilaterali u arbitrarju, ghall-krediti ohra li hi tghid li ghandha mal-Koperattiva;

Hemm imbaghad aspett iehor li jimmerita riflessjoni. Ankorke kellu jinghad illi l-aspett guridiku appena ezaminat u espress ma kellux postu ghall-fattispeci, huwa fatt illi l-konvenut Toni Zammit hallas lil kreditur apparenti tieghu fil-persuna tal-Koperattiva li maghha kellu relazzjoni, kemm fir-rigward ta’ l-ordni tal-flieles u ta’ l-akkordju dwar il-prezz taghhom. In bazi ghal dawn ic-cirkustanzi u skond elementi objettivi tal-provi, li jidhru wkoll univoci, l-imsemmi konvenut hallas lil dak li apparentement kien legittimat jircievi l-hlas minghandu. Fil-verita`, huwa dubitat kemm seta’ l-imsemmi konvenut jissotraji ruhu ghall-obbligu tal-hlas bil-mod versat minnu u hekk naxxenti minn din ir-realta` guridika li kienet tissuggerilu fil-Koperattiva bhala l-*accipiens* tal-versament. Jekk allura agixxa b’ dan il-mod ma jistax ragonevolment jitqies li ma kienx in bwona fede ghax messu hallas direttament lis-socjeta` attrici appellanti. Meta hu ghamel dak il-hlas lill-Koperattiva hu kellu l-konvinzjoni li dak il-hlas kien jirrapprezenta l-kont tal-flieles komprati u skond il-prezz appattwit. Hlas dan li, wara kollox, kif fuq manifest, wasal ukoll ghand is-socjeta` attrici u li, skond il-ftehim, kellu jservi biex jiskonta d-dejn tal-konvenut Toni Zammit. Ara xhieda ta’ Gejtu Pace, fol. 70;

Evalwata u konsiderata l-materja anke minn din l-ottika ma jidherx li tista’ tigi accettata lanqas il-proposizzjoni illi ghax is-socjeta` attrici rrilaxxjat ricevuta lil Koperattiva u mhux ukoll lil Toni Zammit, il-hlas hekk minnha ricevut tramite il-Koperattiva kellu jkun approprijat kontra d-dejn ta’ din u mhux ukoll biex jestingwi d-dejn ta’ l-istess Zammit;

Raggunta din il-konkluzjoni ma jidherx li hemm lok li l-Qorti tinoltra ruhha fl-aspetti l-ohra, pjuttost sekondarji, avvanzati mis-socjeta` appellanti anke ghaliex dwarhom jghoddu l-konsiderazzjonijiet mit-Tribunal maghmula fis-sentenza appellata u li maghhom din il-Qorti pjenament tikkonkorda.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza jitbatew mis-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------